**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Torre Annunziata (l-Italja) fit-23 ta' April 2012 — Lorenzo Ciampaglia vs Sangita Masawan**

**(Kawża C-185/12)**

(2012/C 235/09)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale di Torre Annunziata

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Lorenzo Ciampaglia

*Konvenut:* Sangita Masawan

Permezz ta' digriet tat-3 ta' Mejju 2012, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija manifestament inammissibbli u ħassret il-kawża mil-lista tal-kawżi.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation du Grand-Duché de Luxembourg fit-8 ta' Mejju 2012 — Caisse nationale des prestations familiales vs Hliddal, Fjola**

**(Kawża C-216/12)**

(2012/C 235/10)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Cour de cassation du Grand-Duché de Luxembourg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Caisse nationale des prestations familiales

*Konvenut:* Hliddal, Fjola

**Domanda preliminari**

Benefiċċju bħall-allowance ta' leave parentali previst mill-Artikoli 306 sa 308 tal-Kodiċi tas-sigurtà soċjali jikkostitwixxi benefiċċju tal-familja fis-sens tal-Artikoli 1(u)(i) u 4(1)(h) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar il-pubblikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u l-membri tal-familji tagħhom li jiċċaqilqu fi ħdan il-Komunità [1], fil-verżjoni emendata u aġġornata tiegħu applikabbli skont l-Anness II, Taqsima A(1), tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni u tal-Att finali, iffirmati fil-Lussemburgu, fil-21 ta' Ġunju 1999 [2]?

[1] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 35.
[2] ĠU 2002, L 114, p. 6.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation du Grand-Duché de Luxembourg fit-8 ta' Mejju 2012 — Caisse nationale des prestations familiales vs Bornand, Pierre-Louis**

**(Kawża C-217/12)**

(2012/C 235/11)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Cour de cassation du Grand-Duché de Luxembourg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Caisse nationale des prestations familiales

*Konvenut:* Bornand, Pierre-Louis

**Domanda preliminari**

Benefiċċju bħal ma huwa l-allowance għal-leave parentali prevista mill-Artikoli 306 sa 308 tal-Code de la sécurité sociale jikkostitwixxi benefiċċju tal-familja fis-sens tal-Artikoli 1(u)(i) u 4(1)(h) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità [1], fil-verżjoni tiegħu kif emendata u aġġornata kif applikabbli skont it-Taqsima A(1) tal-Anness II tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni u tal-Att Finali, iffirmati fil-Lussemburgu, fil-21 ta' Ġunju 1999 [2]?

[1] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 35
[2] ĠU 2002, L 114, p. 6

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunalul Argeş (ir-Rumanija) fl-4 ta' Mejju 2012 — Comisariatul Judeţean pentru Protecţia Consumatorilor Argeş vs SC Volksbank România SA, SC Volksbank România SA — Sucursala Piteşti, Alin Iulian Matei u Petruţa Florentina Matei**

**(Kawża C-236/12)**

(2012/C 235/12)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunalul Argeş

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Comisariatul Judeţean pentru Protecţia Consumatorilor Argeş

*Konvenuti:* SC Volksbank România SA, SC Volksbank România SA — Sucursala Piteşti, Alin Iulian Matei u Petruţa Florentina Matei